A.L. 149 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Grad ta' Master in Diplomacy - M.Dip.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Grad ta' Master in Diplomacy - M.Dip.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Diplomacy - M.Dip.; u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għall-grad ta' Master in Diplomacy - M.Dip.

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. Biex jidħlu fil-Kors, l-applikanti għandhom:

(a) ikollhom grad ta' Bachelor ta' l-Universita' ta' Malta jew grad rikonoxxut mis-Senat bħala ekwivalenti;

(b) ikollhom ċertifikat ta' profiċjenza fl-Ingliż fil-livell meħtieġ mill-Universita' ta' Malta; u

(ċ) ikunu impjegati fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tal-pajjiż tagħhom jew f'amministrazzjoni governattiva oħra involuta f'relazzjonijiet esterni u jkunu ħadmu f'din il-pożizzjoni mill-inqas għal sena.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq sena ta' studju fuq bażi *full-time.*

L-Istruttura tal-Kors

5. Il-programm ta' studji għall-Kors ikopri dawn il-komponenti, li għalihom hemm assenjati total ta' 60 kredtu:

(a) taqsimiet studju mgħallma fl-:

International Relations (10 kredti)
International History (10 kredti)
International Economics (10 kredti)
International Law (10 kredti)
Diplomacy (6 kredti)
Methodology (4 kredti);

(b) karta ta' riċerka, li għaliha hemm assenjati 6 kredti, li tinkiteb matul it-tieni semestru u li għandha tkun f'waħda mill-oqsma li ġejjin: International Law, International Economics, International Relations, International History u Diplomacy; u

(ċ) taqsima/taqsimiet studju f'lingwa, li għalihom hemm assenjati 4 kredti. L-istudenti li għandhom Ingliż tajjeb huma meħtieġa jsegwu taqsimiet studju f'lingwa internazzjonali mgħallma fl-Universita' ta' Malta, fil-waqt li l-istudenti li m'għandhomx Inlgiż tajjeb huma meħtieġa jsegwu taqsimiet studju f'dik il-lingwa.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

6. Il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju. Il-katalgu għandu jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, liema taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu flimkien jew qabel taqsimiet studju oħra, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Valutazzjoni

7. Ir-riżultati għall-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u tal-karta ta' riċerka għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat fit-tabella hawn taħt:

Firxa tal-Marki	Grad
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
45% - 54%	D
0 - 44%	F

Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom ikunu mniżżla fir-rekord akkademiku ta' l-istudenti. Madankollu, il-marka perċentwali biss għandha tintuża biex tkun ikkalkulata l-klassifikazzjoni finali tal-Grad. Il-marki u l-gradi mogħtija għandhom iqisu l-livell milħuq mill-istudenti f'wieħed jew aktar minn dawn l-elementi, kif il-Bord iqis xieraq: assenjamenti (li jistgħu jingħataw

percentwali tal-marki u l-grad finali għat-taqsima studju) u eżamijiet bil-miktub u/jew orali.

8. L-istudenti li jeħlu f'xi eżami bil-miktub u/jew orali jew f'xi assenjament jew fit-tnejn jistgħu jitħallew joqogħdu għal eżami riparatorju, jew jerġgħu jissottomettu l-assenjament, jew it-tnejn. L-istudenti jitħallew jirrepetu eżami u jerġgħu jissottomettu assenjament għal taqsima studju partikolari darba biss.

9. Il-valutazzjonijiet supplimentari huma limitati għal mhux aktar minn żewġ taqsimiet studju fl-International Law, International Economics, International Relations u International History.

10. L-istudenti li jeħlu fil-karta ta' riċerka jistgħu jitħallew jerġgħu jiktbu l-karta fi żmien tlett xhur mill-pubblikazzjoni tar-riżultat tal-karta ta' riċerka. L-istudenti li jeħlu fil-kitba mill-ġdid tal-karta ta' riċerka ma jingħatawx il-Grad.

L-Għoti tal-Grad

11. (1) L-istudenti li jiksbu s-60 kredtu indikati fir-regolament 5 għandhom jingħataw il-Grad.

(2) Il-klassifikazzjoni finali għal kull student għandha tqis ir-riżultati miksuba fil-valutazzjonijiet tal-komponenti kollha tal-Kors, li għandhom jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati lil kull wieħed.

(3) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.